**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 10 ta' Lulju, 2018

Rikors Guramentat numru : 114/13 AL

A B

**Vs**

C B

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ippresentat mill-attrici, li permezz tieghu ppremettiet :

Peress illi l-attrici ilha mizzewwga lill-konvenut mit-3 ta' Settembru 1972 (Dok A huwa ic-certifikat taz-zwieg) u minn dan iz-zwieg twieldu tlett itfal li illum huma kollha tal-eta – l-izgahr tifel ghandu hamsa u ghoxrin sena.

2. Peress illi l-konvenut sar hati ta' adulterju, vjolenza u theddid, ingurji gravi, sevizzi u mohqrija lejn martu; hemm ukoll inkompartibilita ta' karattru;

3. Peress illi l-attrici apparti l-fatt li ma ghandiex fejn tghix, ma ikkommettiet ebda htija li setghet wasslet ghal dan it-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg u ghalhekk l-attrici ghandha tithalla tkompli tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni tal-konvenut;

4. Peress illi l-attrici gabet l-awtorizazzjoni biex tipprocedi ghas-separazzjoni permezz ta' digriet qed jigi anness bhala dokument "B";

5. Peress illi tul iz-zwieg il-partijiet flimkien xtraw u bnew diversi propjetajiet u ghandhom diversi investimenti kemm Malta kif ukoll probabbilment barra minn Malta. Il-propjeta immobbli qeghda kollha fuq isem it-tfal; barra id-dar matrimonjali u zewg garages tahtha. Id-dar matrimonjali qeghda 27, Triq Mahatma Ghandi , Fgura.

6. Peress li il-konvenut ghandu introjtu kontinwu minn kirjiet tal-propjeta tal-komunjoni li qeghidn miktuba fuq isem it-tfal. Hu jigbor madwar €900 fix-xahar mill-imsemmija kirjiet. Barra minn hekk il-konvenut jiehu zewg pensjonijiet wahda minn Malta u l-ohra mill-Awstralja – minn dawn il-pensjonijiet il-konvenut jiehu aktar minn €1200.00 mensili (Dok C u D jindikaw id-dhul minn dawn iz-zewg pansjonijiet). Intant l-attrici hi mara tad-dar u ma ghandiex introjtu imma tiddependi interament fuq ir-ragel li qed ihalliha nieqsa.

Talbet li l-konvenut jghid ghaliex din il-Qorti m’ghandhiex :

Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba adulterju, vjolenza u theddid, minacci, ingurji gravi, sevizzi, u mohqrija lejn l-attrici maghmula mill-konvenut ai termini tal-Kodici Civili u minhabba inkompatibilta ta' karattru;

2. Tiddikjara u tordna li l-istess konvenut jitlef id-drittijiet kontemplati fl-artikoli 631 , 633 , 633A , 825 , 826 u 827 tal-Kodici Civili u tapplika kontra l-konvenut u favur l-attrici id-disposizjonijiet tal-Artiklu 48 tal-Kodici Civili;

3. Tordna it-tmiem u x-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet;

4. Tillikwida l-istess komunjoni tal-akkwisti jekk hemm bzonn permezz ta' periti nominandi u (hlief ghad-dar matrimonjali) taqsam l-

istess bejn il-kontendenti nofs kull wiehed b' dan pero li lill-attrici ghandhom jigu assenjati fl-intier taghhom l-akkwisti li saru bil-hidma taghha u jinghatalha lura dak li hi tat lill-konvenut b' donazzjoni bil-hsieb taz-zwieg jew waqt iz-zwieg jew b' xi titolu iehor u b' dan ukoll illi l-attrici ghandha tinghatha d-dritt skont artiklu 55A tal-Kodici Civili li wahedha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali ad eskluzjoni ta’ zewgha;

5. Tahtar jekk ikun hemm bzonn Nutar u tiffissa data, lok u hin sabiex jekk ikun hemm bzonn issir il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti (hlief id-dar matrimonjali) kif likwidati u tahtar kuraturi deputati biex fil-kontumacja jew l-assenza tal-konvenut jidhru minfloku;

6. Tiddikjara liema huma l-flus u/jew l-oggetti parafernali li japparjenu lil-kull wahda mill-partijiet u tordna li qabel il-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti kull parti tiehu dak li hu parafernali taghha;

7. Tordna li l-attrici wahedha tibqa' tghix fid-dar matrimonjali 27, Triq Mahatma Ghandi, Fgura ad eskluzjoni ta' zewgha u dan skont artiklu 55A tal-Kodici Civili;

8. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici retta alimentari fil-gimgha ghaliha skont kif tistabilixxi dina l-Onorabbli Qorti.

Bl-ispejjez. inkluzi dawk tal-mandat ta’ sekwestru prezentat kontestwalment ma’ dan ir-rikors.

Rat il-lista tax-xhieda tal-attrici;

Rat ir-risposta guramentata tal-konvenut, li *in forza* taghha eccepixxa (fol. 42) :

1. Illi l-ewwel talba tar-rikorrenti ghal pronunzjament tas-separazzjoni minhabba r-ragunijiet imsemmija minnha hija opposta, u dan stante l-fatt li kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza,, kienet ir-rikorrenti stess li tat lok ghal tali separazzjoni minhabba r-ragunijiet ikkontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kodici Civili (kap 16 tal-Ligijiet ta’ Malta) imputabbli lilha. Inoltre l-esponenti kien irrezista ghal zmien twil ix-xewqa ta’

martu li jzomm l-ghaqda ta' bejniethom u kien lest li jaghmel minn kollox biex jevita dan il-pass estrem li hadet martu wara tant zmien mizzewgin;

2. Illi t-tieni talba tar-rikorrenti hija opposta stante li skont kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza ma jezistux ic-cirkostanzi li jaghtu lok ghall-applikabilita tal-artikoli imsemmija minnha, u inoltre li l-artikoli 825, 826 u 827 tal-Kodici Civili gew imhassra in virtu tal-Att XVIII.2004.86;
3. Illi t-tielet u r-raba talba ghal xoljiment u likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti mhiex opposta b'dana pero illi l-esponenti jopponi bil-qawwa t-talba li martu ghandha tinghatalha d-dritt li tibqa` tghix fid-dar matrimonjali b'zewg garaxxijiet tahtha m'ghandhiex tinqasam bejn il-kontendenti, izda ghandha tigi assenjata lilha, u dan stante l-fatt li ma tezisti ebda cirkostanza kontemplata fil-ligi li tiggustifika tali talbga u dan skont kif jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
4. Illi l-hames u sitt talbiet mhumiex opposti, hlief li l-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tinkludi d-dar matrimonjali u zewg garaxxijiet tahtha tal-kontendenti li ghandhom jigu assenjati lilhom f'ishma ugwali u ghar-ragunijiet surreferiti;
5. Illi l-esponenti jopponi bil-qawwa ghas-seba talba tar-rikorrenti stante li tali talbga hija nfondata kemm fil-fatt ukoll fid-dritt u dan skont kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;
6. Illi l-esponenti diga jhallas lir-rikorrenti retta alimentarja adegwata fil-gimgha u ghalhekk it-tmien talba hija ukoll superfluwa ghaliex qatt ma hallieha nieqsa minn xejn;

Salv eccezzjonijiet ohra jekk ikun hemm bzonn;

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti li hija ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro talba tal-konvenut li permezz taghha ppremetta (a fol 45):

1) Illi l-esponenti jixtieq jipprevalixxi ruhu mir-rikors guramentat ipprezentat kontra tieghu mir-rikorrenti u debitament notifikat lilu, sabiex jipprezenta l-odjerna kontro-talba;

2) Illi l-kontendenti zzewgu fit-tlieta (3) ta' Settembru, 1972 skont id-Dok. "A" anness mar-rikors odjern u miz-zwieg taghhom kellhom tlett itfal, illum kollha maggorenni;
3) Illi l-hajja konjugali bejn il-kontendenti m'ghadhiex aktar possibli minhabba r-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kodici Civili, Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonata, kif ukoll minhabba sevizzi, minacci, insulti, mohqrija, eccessi, u ingurji gravid a parti taghha fil-konfront tal-intimat rikovenzjonant, biex b'hekk iz-zwieg taghhom tkisser b'mod irremidjabbli, kif ser jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawaza;
4) Illi r-rikorrenti rikonvenzjonata dejjem mohha biex tixxala u tiddeverti ma hbiebha, abbandunat totalment lil zewgha u taghmel minn kollox biex tinkieh, tumiljah, tipprovokah u tallenjah minn uliedu li ghalihom dejjem hadem u stinka u ghamel minn kollox biex jarahom igawdu l-frott tal-hidma tal-genituri taghhom;
5) Illi din l-Qorti awtorizzat li prezentata tal-kawza li fiha qed tigi pprezentata din il-kontro talba wara li tterminaw il-proceduri tal-medjazzjoni skont id-Dokument "B" anness mar-rikors odjern;
6) Illi l-esponenti dejjem ghamel minn kollox biex iz-zwieg ma jitfarrakx u ilu zmien twil jirrezisti it-triq tas-separazzjoni li insistit ghaliha martu li trid tghix hajja ta' xebba u ilha tinjora lil zewgha tul dawn l-ahhar snin billi tghix hajja separata, u dan kif ser jigi spjegat aktar fid-dettal fil-mori tal-kawza;

Talab ghar-ragunijiet premessi li r-rikorrenti rikonvenzjonata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1) Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti minhabba r-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kodici Civili Kap XVI tal-Ligijiet ta' Malta imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonata, kif ukoll minhabba sevizzi, minacci, insult, mohqrija, eccessi u ingurji gravi da parti taghha fil-konfront tal-intimat rikonvenzjonant, biex b'hekk iz-zwieg taghhom tkisser b'mod irremedjabbli;
2) Tawtorizza lill-esponenti illi jghix separat mir-rikorrenti martu;
3) Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonata sabiex thallas lil esponenti zewgha, dik ir-retta alimentarja xierqa u adegwata illi tigi ffissata mill-istess qorti skont il-mezzi tar-rikorrenti u l-

bzonnijiet tal-esponenti pagabbli mir-rikorrenti lill-istess esponenti fil-gimgha jew fix-xahar kif ordnat minn din il-Qorti;

4) Tapplika kontra r-rikorrenti interament jew in parti, id-disposizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 u 53, 631, 633 u 633A tal-Kodici Civili (kap. 16);
5) Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u tordna li l-istess oggetti formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti jigu maqsuma f'zewg porzjonijiet komposti kif jigi ordnat u stabilit minn din l-Qorti in vista, inter alia, tad-dati tal-akkwist tad-diversi oggetti formanti l-istess komunjoni u tad-data stabilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-istess rikorrenti rikonvenzjonata ghandha tkun konsiderata li minnha kienet hatja tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lil esponenti u l-ohra lill-istess rikorrenti billi, okkorrendo ghall finijiet ta' din it-talba, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirrapprezenta lil eventwali kontumacja fuq l-istess att;
6) Tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonata tikkonsenja lill-esponenti l-beni kollha parafernali tieghu;
7) Tordna illi d-dar matrimonjali tigi okkupata eskluzzivament mill-esponenti u taghti kull provvediment xieraq u opportun ghal dan il-ghan;
8) Tawtorizza lill-esponenti illi jirregistra ossija jnizzel fir-Registru Pubbliku is-sentenza eventwalment moghtija minn din il-Qorti.

Bl-ispejjez kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata li hi ngunta minn issa ghas-subizzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant;

Rat ir-risposta guramentata tal-attrici rikonvenzjonata, li *in forza* taghha eccepiet (fol. 337):

1. Illi it-talbiet fil-kontro-talba huma infondarti fil-fatt u fid-dritt;
2. Illi l-attrici ma ghandiex tort fit-tkissir taz-zwieg li grat biss minhabba ragunijiet attribwibbli lill-konvenut kif jirrizulta mir-rikors guramentat;

3. Illi mhux minnu li l-attrici saret hatja ta' sevizzi, minacci, insulti, mohqrija, eccessi u ingurji gravi.
4. Illi mhux minnu li l-attrici mohha biex tixxala u tiddeverti ma' hbiebha anzi jinghad li minhabba li l-konvenut dejjem haseb li jiddeverti wahdu mal-hbieb tieghu hu abbanduna lil martu. Mhux minnu li l-attrici kienet tinki, tumilja jew tinsolenta lill-zewgha. Anzi kien hu li ghamel hekk lilha.
5. Illi hu l-konvenut li irid jghix hajja mhux kompacenti mal-hajja mizzewga tant li ghandu mara ohra kif ser jigi pruvat;
6. Illi l-attrici ma tahdimx u ma tistax tifhem it-talba tal-konvenut biex thallas manteniment lil zewgha meta hu jaf li l-attrici qatt ma hadmet biex trabbi l-familja u dan b'sagrificcji kbar. Jigi rilevat li huwa il-konvenut li jircievi l-pensjoni minn Malta, il-pensjoni minn barra minn Malta. Hu bhala pensjoni ghandu l-fuq minn €1,200 fix-xahar – ghalhekk mill-anqas il-manteniment li jhallas hu lill-attrici ma ghandux ikun anqas minn €500 mensili;
7. Illi huwa il-konvenut li ghandu jigi allontanat mid-dar matrimonjali ghax huwa hu li kontinwament jivvessa lil martu kif ser jigi pruvat fit-trattazzjoni;

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjat;

Rat id-dokumenti kollha esebiti, inkluż l-affidavits, ir-ritratti u s-CD.

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji Dottor Anna Mallia u Dottor Greta Mifsud Agius, ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda.

Il-Qorti tiddikjara illi hija skartat in-nota tal-konvenut tal-21 t'Awwissu 2017[1] u n-nota responsiva tal-attriċi tat-30 t'Awwissu 2017[2] in vista li dawn jitrattaw id-diskussjonijiet mingħajr preġudizzju li saru bejn il-partijiet bl-iskop li jitransiġu l-kawża. Skartat ukoll l-affidavit tal-attriċi li ġie ippreżentat fit-22 ta' Jannar 2018[3], tliet snin wara li l-attriċi kienet iddikjarat il-provi tagħha magħluqa.[4]

---

[1] Fol. 290
[2] Fol. 298
[3] Fol. 327
[4] L-attriċi ddikjarat li għalqet il-provi tagħha magħluqa fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia tat-3 ta' Diċembru 2014 (fol. 220) u wkoll tas-17 ta' Frar 2015 (fol. 229)

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attriċi ippreżentata fid-9 t'April 2018[5] u n-nota responsiva tal-konvenut ippreżentata fl-4 ta' Mejju 2018.

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum sabiex tingħata s-sentenza.

Il-Qorti tirrileva illi, għall-faċilita` tal-espressjoni u l-kjarezza, ser tirreferi invarjabbilment għal A B bħala r-"rikorrenti" u/jew l-"attriċi" u għal C B bħala l-"intimat" u/jew il-"konvenut" – u dan minkejja l-eżistenza tal-kontro-talba relattiva.

Ikkunsidrat:

## KONSIDERAZZJONIJIET

Illi l-partijiet iżżewġu fit-3 ta' Settembru 1972, meta l-attriċi kellha biss l-eta` ta' sittax (16)-il sena u l-konvenut kellu disgħa u għoxrin (29) sena. Fil-preżent, il-partijiet huma t-tnejn anzjani, l-attriċi bl-eta`ta' tnejn u sittin (62) sena u l-konvenut li għandu ħamsa u sebgħin (75) sena.

Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors promotur u għan-nota ġuramentata tal-attriċi[6] li permezz tagħhom hija telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-intimat minħabba adulterju, vjolenza u theddid, minaċċi, inġurji gravi, sevizzi u moħqrija;
- Tapplika kontra l-konvenut id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fosthom li l-konvenut tilef id-drittijiet kontemplati fl-Artikoli 631, 633, 633A, 825, 826 u 827 tal-Kodiċi Ċivili;
- Titlob it-terminazzjoni u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u l-qasma tagħha;

[5] Fol. 339
[6] Fol. 26

- Tikkundanna lill-konvenut jirritornalha l-assi parafernali tagħha;
- Tordna illi l-attriċi weħidha tibqa' tgħix fid-dar matrimonjali u cioe fil-fond 27, Triq Mahatma Ghandi, il-Fgura, ad esklużjoni ta' żewġha;
- Tikkundanna lill-konvenut iħallasha manteniment għaliha fir-rata li tiffissa din il-Qorti;

Tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut u għan-nota ġuramentata tiegħu, illi permezz tagħha l-konvenut rikonvenzjonat jitlob lill-Qorti:

- Tiddikjara li kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, din għandha tingħata lill-attriċi minħabba adulterju, sevizzi, minaċċi, insulti, moħqrija, eċċessi u inġurji gravi minnha reżi fil-konfront tiegħu;
- Tawtorizzah jgħix għal rasu;
- Tikkundanna lill-attriċi tħallsu manteniment għalih fir-rata li tiffissa din il-Qorti;
- Tapplika kontra r-rikorrent interament jew in parte id-dispożizzjonijiet tal-artikoli 48, 51 u 53, 631, 633 u 633A tal-Kodiċi Ċivili;
- Tittermina tal-komunjoni tal-akkwisti, taqsamha u tassenjaha;
- Tordna li l-attriċi tirritorna lill-konvenut l-krediti u propjeta` parafernali tiegħu;
- Tordna illi jkun il-konvenut illi waħdu u ad esklużjoni tal-attriċi jirrisjedi fil-fond ġja d-dar matrimonjali;

## 1. Dwar ir-Responsabilita` għat-Tkissir taż-Żwieġ

L-attriċi tattribwixxi lil żewġha t-tortijiet tal-adulterju, vjolenza u theddid, minaċċi, inġurji gravi, sevizzi u moħqrija, bħala r-raġuni għall-isfaxxar taż-żwieġ tal-partijiet. Min-naħa tiegħu, il-konvenut, filwaqt illi jaqbel illi ż-żwieġ tiegħu mal-attriċi sfaxxa, jinsisti li dana

seħħ primarjament  stante t-tortijiet ta' adulterju, sevizzi, minaċċi, insulti, moħqrija, eċċessi u inġurji gravi mwettqa minn martu.

### 1.1 L-allegati tortijiet tal-konvenut

Fin-nota ġuramentata tagħha l-attriċi tispjega li l-konvenut kien dejjem jgħajjat magħha u jqisha bħala oġġett. Fid-dar ma għandha xejn u kull ma sar fiż-żwieġ tiegħu għax hu biss li ħadem. Preżentement qiegħed iqatta' ħafna iljieli mal-ħbieb tiegħu, jiffrekwenta l-Każino filwaqt li lilha jħalliha weħidha u nieqsa mill-bżonnijiet materjali tagħha. Hija mara tad-dar u m'għandhiex introjtu – la taħdem bi qligħ u lanqas għandha pensjoni. Dejjem ħadet ħsieb id-dar, it-tfal u l-familja bl-akbar għożża. Żewġha la qatt ma ħadha fuq btala u lanqas qatt ma ħadha tiekol barra.

Permezz tal-affidavit tagħha[7], l-**attriċi** tirrakkonta illi żewġha qatt ma stmaha ta' bniedma jew ta' martu. Huwa qiegħed jgħajjarha "mara tat-triq" u ġieli kkonfrontaha ma' ħabibtha bi kliem bħal "mortu titqaħħbu?"

F'affidavit ieħor[8], spjegat illi wara li żżewġu, il-partijiet emigraw lejn l-Awstralja u mal-ewwel bdew bil-problemi minħabba li l-konvenut dejjem ried jieħu kontroll ta' kollox. Wara sentejn mit-twieled tal-aħħar wild, huma rritornaw Malta. Il-konvenut kien baqa'  jitla għal vaganzi ta' bejn wieħed u ieħor sitt xhur kull vaganza u f'dawn il-perjodi l-attriċi kienet kostretta tieħu ħsieb it-tfal weħidha. Meta kien ikun Malta, xi drabi kien jippreferi jgħix fil-garaxx.

Il-problemi prinċipali fiż-żwieġ kienet il-fissazzjoni li għandu fuq il-flus u li l-konvenut dejjem saħaq li għandu dritt jagħmel li jrid bi flushom. Saħansitra kien poġġa xi flus f'kont bankarju f'isem oħtu Rita Fenech. Fl-2007 kien ġibed Lm12,000 li kellhom imġemmgħin mal-HSBC mingħajr l-awtorizzazzjoni tal-mara. Għalhekk hija kienet wissietu biex jirrifondi nofs dawn il-flus permezz ta' ittra bl-avukat[9]. Peress li hu ma kienx ta widen għal din l-ittra, kienet bdiet il-proċeduri tal-

[7] Fol. 28
[8] Fol. 176
[9] Dok. GM1, fol. 183

medjazzjoni, iżda kienet ħafritlu billi wiegħed li kien ser jirranġa l-affarijiet. Dan għamlitu għaliex ma xtaqitx li tkisser familja.

Fl-2011, il-konvenut ġibed €31,059.81 minn kont konġunt ma' Bank of Valletta p.l.c. u li suppost kien jeħtieġ il-firma tagħha wkoll. Meta kkonfrontatu huwa weġibha *"Mela int għandek xi ħaġa, ħadtek b'xejn u mill-ħnieżer...Alla ħares ma kontx jien għalikom".* L-attriċi marret il-Bank biex tara kif seta' jiġri dan u l-manager ikkonfermalha li dan sar bi żball min-naħa tal-Bank, żball li l-Bank reġġa lura billi ħa l-flus mill-kont tal-konvenut u reġa poġġihom f'kont ieħor konġunt bejn il-partijiet. Minn din il-ġrajja, l-inkwiet bejn il-koppja kompla jiggrava.

Il-konvenut beda jnaqqsilha l-flus li kien jagħtiha biex tista' tixtri l-bżonnijiet ta' kuljum. Beda jdum iktar barra anke sa filgħodu u saret taf li qiegħed imur il-każino. Żied it-tgħajjir fil-konfront tagħha fosthom li hi ħoxna, qaħba, liżbjana u diversi titli oħra. Beda iktar jikkontrolla ħajjitha filwaqt li hu beda joħroġ bl-addoċċ. Għaldaqstant, hija kellha terġa tirrikorri għall-medjazzjoni liema proċeduri ma rnexxewx u b'hekk intavolat il-kawża odjerna.

Meta nbdew il-proċeduri tal-medjazzjoni, l-affarijiet marru għall-agħar stante illi beda jsegwiha anke meta tkun ma' sħabha biex inaffar il-ħbieb li kellha u b'hekk hija tispiċċa bla ħbieb. F'okkażjoni minnhom spiċċaw saħansitra b'kawża Kriminali fil-Qorti tal-Maġistrati fejn il-Qorti oltre l-piena rabtet lill-konvenut b'obbligazzjoni ai termini tal-Artikolu 383 tal-Kodiċi Kriminali taħt penali ta' €1000 għal sena[10]. Fid-19 ta' Jannar 2015, il-konvenut instab ħati mill-Qorti tal-Familja (Maġistrat Dr. Anothny J. Vella) illi fl-1 ta' Settembru 2014, huwa inġurja u hedded lil martu, u b'hekk ġie kkundannat €100 ammenda[11].

L-attriċi tirrakonta illi fis-27 ta' Lulju 2013, kienet ħarġet ma' binha l-kbir Christopher u l-familja tiegħu. X'ħin waslet id-dar sabet lill-konvenut jistennieha u heddidha b'mus, filwaqt illi qalilha kliem bħal *"kieku rajtek waħdek, ma ġejtx ma Chris, noqtlok kont"*, *"jien nikkmanda, il-Qorti għalija mhi xejn"*, *"mhux ħa nħallik tagħmel li trid"*. Hija marret tagħmel rapport l-għassa dak il-ħin u reġgħu spiċċaw il-

---

[10] Sentenza tat-8 t'Ottubru 2013, fol. 187

[11] Kopja tas-sentenza tinsab esebita fol. 250;

Qorti. Inċident ieħor li wkoll wassalhom il-Qorti seħħ fis-7 ta' Settembru 2013, meta daħal irrabjat u beda jheddidha, jgħajjarha u jagħmel il-ponn ma' wiċċha.

L-attriċi ippreżentat ukoll CD[12] bir-recordings tal-argumenti li kien ikollha ma' żewġha. F'dawn ir-recordings, il-konvenut jinstema' jgħajjar lill-attriċi kjarament, u anke jheddidha li joqtolha. Fl-istess CD, hemm ukoll recordings tal-konvenut, xi drabi fil-kumpanija ta' ħabib tiegħu Jeffrey, jinstema f'konverżazzjoni ma' nisa oħra b'aċċent barrani u jifflertja magħhom u jgħidilhom kliem mhux xieraq bħal *"show me your nipple...I show you mine"*, iwiegħdhom li sejjer imur jarahom, li ser jeħodhom l-Awstralja jiltaqgħu ma' ħutu. F'reġistrazzjonijiet oħrajn jinstema' jiftiehem li ser joħroġ ma' din il-mara u jmorru l-Beach Club ġewwa Marsascala u jindika li marru hemmhekk diversi drabi.

Ippreżentat ukoll żewġ ritratti[13] ta' żewġha fil-kumpanija ta' mara Asjatika; tliet kartolini - waħda tal-Milied, waħda ta' Jum San Valentino u oħra t'għeluq sninu fejn il-konvenut huwa indirizzat bħala *"sweetheart" "everdearest C"* "*most special person in my life" "I Love you" "Wonderful boyfriend"*; irċevuti li jindikaw li żewġ persuni kienu fi Sqallija f'Lulju 2014; nota ta' nkejja *"bdawk trid tinki ja moża"* u nota ta' theddid bi tpinġija ta' arma tan-nar.

**Christopher B**[14], iben il-partijiet, xehed illi s-sitwazzjoni familjari tagħhom ilha hekk minn meta huwa kien tifel żgħir. Jiftakar illi missieru xi drabi siefer lejn l-Awstralja għal diversi xhur fuq vaganza ta' ċirka sitt xhur u ommu kienet trabbihom weħidha. Jiftakar ukoll li meta jkun Malta, diversi drabi missieru l-konvenut ma kienx jersaq lejn id-dar u kien jorqod fil-garaxx. Jiftakar ukoll li kull meta l-ġenituri kien ikollhom xi diskussjoni kbira, missieru kien jhedded lil ommu li ser inaqqsilha l-flus tal-ħajja. Wasal biex saħansitra jqatta` u jaħraq il-flus quddiemhom, filwaqt li lill-attriċi jgħidilha li jippreferi jaħraqhom milli tgawdihom hi. Jiftakar ukoll li xi drabi wara li ommu tkun preparat l-ikel għall-familja kollha, kien imur minn warajha u jwaddab tazza kafe fl-ikel, bil-konsegwenza li ommu kien ikollha tarmi l-ikel kollu u terġa tibda tipprepara l-ikel mill-ġdid. Jiftakru jhedded u jgħajjar lil

---

[12] Fol. 174
[13] Fol. 215
[14] Affidavit fol. 201

ommu bi kliem oxxen u li ħadha mill-ħnieżer u li hi ma hi xejn u ma kellha xejn. Jisħaq li mn'Alla kien hu għalihom. Jikkonferma li kien jisma' lil missieru jitkellem u jifflertja fuq Skype ma' nisa barranin u jiftiehem biex jiltaqa' magħhom. Iżid illi darba kien ħareġ flimkien ma' ommu, il-mara u t-tfal u wara ftit ċemplitlu ommu sabiex imur għaliha għaliex missieru kien heddidha b'mus u qalilha li kieku ma kinitx miegħu kien joqtolha. Huma marra jagħmlu rapport l-għassa dwar dak li kien ġara.

**Simon B**[15], iben iż-żgħir tal-partijiet, jixhed illi minn meta kien żgħir jiftakar lill-ġenituri tiegħu jiġġieldu fosthom fuq il-flus. *"L-ikbar problema li dejjem rajt bejniethom hi l-fatt li għal missieri ommi ma tiswa għal xejn, ma tifhem f'xejn u m'għandhiex dritt tidħol fl-affarijiet tiegħu filwaqt li hu (missieri) jħoss li għandu jidħol fl-affarijiet t'ommi u jikkontrollalha ħajjitha."* Jikkonferma dak illi xehed ħuh u cioe illi missieru ġieli ħaraq il-karti tal-flus quddiemhom filwaqt illi jgħid lil ommhom li jippreferi jaħraqhom milli jara lilha tgawdihom. Ix-xhud qatt ma jiftakar lil ommu tgawdi, anzi bil-kontra għax minħabba l-ispejjeż tal-familja ta' spiss kienet tgħaddi bl-eżatt. Ħafna drabi, ommu kienet issibha diffiċli li tlaħħaq mal-ħajja, għax ġieli kien jaqbad u jnaqqsilha minn dak li kien jagħtiha. Jiftakar li ġieli kien jimla l-ikel bil-kafe jew anke jaqbad u jarmih. Min-naħa l-oħra missieru kien iħobb igawdi waħdu u jiftakar li darba minnhom meta kien l-Awstralja kien qallu li qiegħed fuq "boat", filwaqt li lilhom lanqas sal-baħar qatt ma ħadhom. Iħossu urtat illi missieru jgħid li uliedu ma jkellmuhx għaliex imxewxin minn ommu. Huwa jiċħad dan u jgħid li kull meta kienu jargumentaw hu u ommu, kien jabbanduna lit-tfal ukoll u ma jersaqx lejn id-dar. Jiftakar li darba meta x-xhud kellu sbatax-il sena, missieru ma kienx wasslu għax-xogħol għaliex kellu argument m'ommu. Preżentement jaf illi missieru jqatta' ħafna ħin barra mid-dar, iżda meta ommu tmur tixtri jew toħroġ ma' ħabiba tagħha, mhux l-ewwel darba li jsegwiha u jgħajjarha u jkellimha ħażin. Għalhekk ommu tibża' toħroġ minħabba l-possibilita` li jumiljaha quddiem in-nies. Ix-xhud għadu jgħix fid-dar tal-ġenituri tiegħu u jiċħad li kienet ommu li keċċiet lil missieru mid-dar, imma huwa jgħix fil-garaxx minn jeddu sabiex jagħmel li jrid u jidħol fi xhin irid. Fil-garaxx, il-konvenut għandu wkoll il-kompjuter u x-xhud jisimgħu b'konverżazzjonijiet fuq Skype ma' żewġ nisa partikolari. Waħda minnhom hija Filippina tgħix

[15] Affidavit fol. 204

hawn Malta ġo Ħal Lija u jiltaqa' ta' spiss magħha għax jismagħhom jiftehmu. Jiġborha mill-pjazza ta' Ħal-Lija. Darba segwih flimkien ma' ommu u rawh dieħel magħha id f'id f'ristorant fil-Qawra. It-tfajla l-oħra hija wkoll Filippina u jisimgħu jitkellem magħha kuljum[16]. Id-diskors li jintqal magħha huwa baxx u anke semgħu jippjana li jmur il-Filippini biex iġibha Malta u jwiegħdha li ser jagħtiha il-pensjoni. *"Apparti minn hekk, il-garaxx jiġi wkoll sieħbu, raġel miżżewweġ bil-familja, fejn huma t-tnejn joqogħdu jiħħamallaw ma' dawn in-nies fuq Skype. Dan anke jekk il-garaxx huwa propjeta` ta' ommi wkoll, filwaqt li hi jkollha toqgħod lura milli tistieden saħansitra anke lil ħutha minħabba l-atteġġjament tiegħu."* Huwa xhud ta' diversi theddid ta' missieru fil-konfront t'ommu fosthom li ser joqtolha jew li jagħmlilha ħajjitha nfern, ukoll tgħajjir bi kliem bħal qaħba, liżbjana, li ħadha mix-xejn, ħoxna, xiħa u ħanżira. Missieru jgħajjar ukoll lix-xhud li hu bebbuxu u ma jifhimx. Jgħajru bl-affarijiet li tawh hu u ommu u jgħidlu li għamluh sinjur. Jixhed ukoll li d-dar tinsab f'kondizzjoni xejn pjaċevoli għax diversi ħitan ġabhom mandra, daqqiet ta' ponn mal-ħnejja tal-kċina, kitba mal-għamara, jaqla' l-inkwatri u minflok iwaħħal bil-kolla diversi santi ta' nies mejtin mal-ħajt, ipoġġi ritratti rashom l-isfel u ġab frames b'ritratti ta' tfal oħra li qatt ma rawhom.

**Sharon Mizzi**, bint il-partijiet, tikkorrabora x-xhieda illi taw ħutha[17]. Tikkonferma li t-temi pronċipali tad-disgwid bejn il-ġenituri tagħha huma il-kilba għall-flus ta' missierha, l-għira tiegħu u l-pussess. Tirrakonta li żmien twil ilu kienet miexja f'Żabbar Road, il-Fgura u nzertat iltaqghet ma' missierha li kien qed jaħdem f'binja fl-istess triq, u malli raha kull ma qalilha kien li kieku jista' joqtol lill-attriċi b'sikkina. Hu qalilha hekk *out of the blue* għax ix-xhud ma kinitx semmiet xejn dwar ommha. Iżżid li meta binha kien iċempel lin-nanna, in-nannu (il-konvenut) kien jgħid lit-tifel li n-nanna (l-attriċi) qiegħda mal-baħrin. Drabi oħra kien jgħidlu *"Ryan taf li għandi ħanżira hawn?"* u t-tifel kien jistaqsi lil ommu għaliex in-nannu jirreferi għan-nanna bħala ħanżira. Tikkonferma li anki lilha ġieli qalilha *"tiġix iktar hawn ja kerha"*, dejjem bl-iskop li kulħadd iħossu skomdu d-dar tagħhom u b'hekk ommha tiġi iktar weħidha. Meta ġieli ommha ħarġet magħha, isegwihom bil-karozza u jinżel fejn imorru huma. Għalhekk ommha toqgħod lura milli toħroġ għax tibża li jmur jagħmlilha xi xenata.

[16] Ix-xhud jistqarr li hu kien ikun id-dar biex jikteb it-teżi tiegħu u kien ikun kostrett jisma' dan id-diskors xejn pjaċevoli għax missieru għamel l-ispeakers mal-kompjuter u jgħollilu ħafna.
[17] Affidavit fo. 208

Tagħlaq billi tgħid illi *"Missieri qatt ma kien ta' eżempju għal ħadd minna. Nistqarr li kontinwament nistħu bl-għemil tiegħu." "b'wicci minn quddiem nistqarr li Ommi hija mara bil-għaqal u li għamlet minn kollox biex tipprova żżomm il-familja magħquda."*

Xehdet ukoll **Maria Giovanna Magro**[18], li ilha taf lill-attriċi minn mindu kienu l-iskola. Ġieli hi u Ġemma jiftiehmu biex imorru sat-tombla jew xi attivita` oħra flimkien. Ġemma tkellemt magħha diversi drabi dwar kemm hija mdejqa fiż-żwieġ tagħha minħabba li r-raġel tagħha ma jirrispettahiex. Ix-xhud taf li meta toħroġ ma Ġemma diversi drabi ġew ippersegwitati minn C B fejn ġieli segwihom. Xi drabi anke wasal biex jgħajjarhom qħab u saħansitra beżqilhom. Kienu għamlu rapport lill-Pulizija u l-konvenut tressaq il-Qorti.

### 1.2. L-allegati tortijiet tal-attriċi

Fin-nota ġuramentata tiegħu, il-konvenut assolutament ma jaqbilx li huwa ħati għat-tkissir taż-żwieġ. Huwa dejjem irrispetta lil martu, ipprovdilha minn kollox, ħadem u stinka għall-familja u dejjem ra kif għamel biex itejjeb ħajjet martu u uliedu. Hija martu li abbandunatu għal kollox, dejjem moħħha biex tiddeverti ma' ħbiebha, qatt ma tkun id-dar u meta jsaqsieha fejn hija sejra twieġbu illi mhux affarih. Mhix issajjarlu u lanqas taħsillu ħwejġu bir-riżultat li huwa kellu jirrikorri għall-għajnuna t'oħtu. Dejjem tgħajru li huwa xiħ peress li huwa tlettax-il sena ikbar minnha, u li mhu tajjeb għal xejn. F'din is-sitwazzjoni huwa bil-fors kellu jfittex il-kumpanija ta' ħutu u ta' xi ħbieb u mhux minnu li qiegħed jgħix ħajja ta' xalar u divertiment.

Permezz tal-affidavit[19] tieghu, il-**konvenut** jispjega illi kemm hu kif ukoll martu trabbew fit-tbatija għaliex kienu ġejjin minn familji numerużi. F'ħajtu dejjem ħadem u stinka biex uliedu ma jgħaddux minn din l-istess tbatija, u għalhekk ried jinvestilhom għall-futur tagħhom.

Jispjega illi ftit wara li żżewġu, il-partijiet iddeċidew illi jmorru jgħixu l-Awstralja, fejn huwa kellu xogħol fir-renovar tad-djar. Pero` l-attriċi

[18] Affidavit fol. 203
[19] Fol. 275

ma setgħet tidra b'xejn u kien ikollha xi tgħid mal-ġirien, tant li spiċċaw il-Qorti. Hija kienet tkun dejjem bin-nervi u mdejqa u tħoss in-nuqqas tal-ġenituri tagħha. Għalhekk iddeċidew li jerġgħu lura hawn Malta. Pero` hawn Malta ma setax isib xogħol u lanqas telefon ma seta' jdaħħal biex ikun jista' jirċievi l-ordnijiet tan-nies. Peress li fl-Awstralja kellu xogħol kemm irid, kontra qalbu kellu jerġa' jitla l-Awstralja u wara ftit xhur telgħet il-mara bit-tfal.

Hemmhekk il-problemi komplew għaliex l-attriċi kienet imdejqa ħafna u kienet taqbad miegħu u targumenta anke quddiem it-tfal. Ta' spiss kienet tgħajru injorant. Ħajtu kienet mimlija tgħajjir u jagħmel x'jagħmel xejn ma kien ikun biżżejjed u qatt ma kienet sodisfatta. Huma ddeċidew illi jiġu lura Malta għal dejjem. Għalhekk xtraw id-dar matrimonjali tal-Fgura b'żewġ garaxxijiet magħha. *"Bdejna ħajja normali, jien naħdem u nistinka u l-mara tiegħu ħsieb it-tfal u x-xogħol tad-dar. Konna noħroġu bit-tfal fil-weekends. Jien dejjem ħallast il-kontijiet kollha, nagħti l-flus tal-house keeping u nagħti pocket money lit-tfal".*

Matul iż-żmien, il-konvenut beda jakkwista propjeta li jinvesti f'isem it-tfal u b'kollox akkwista ħames postijiet. Huwa kien jikri dawn il-propjetajiet u l-kera jużahom għall-familja. Jgħid illi l-attriċi riedet bil-fors illi jagħtiha nofs il-kirjiet biex ikollha x'tonfoq u b'hekk hu ma setax ikompli bil-pjanijiet tiegħu li juża dawn il-flus ħalli jinvestihom.

L-affarijiet marru għall-agħar għax l-attriċi bdiet titrattah ħażin ħafna. Bdiet toħroġ waħidha u daqqa mat-tifla, tant li anke lit-tifla kienet sfrattat minn ma' żewġha. Bdiet toħroġ mal-ħbieb tagħha u jmorru t-tombla, fil-għodu u filgħaxija. Bdiet titolbu iktar flus għaliex ma kienux qed iservuha. Il-konvenut ma riedx jagħtiha iktar flus biex tonfoqhom fuq it-tombla u fil-ħwienet mal-ħbieb. Mistoqsija in kontro-eżami[20] dwar il-ħruġ tagħha, l-attriċi xeħdet illi hija tmur xi darba kull ħmistax, attivita` fejn ikun hemm it-tombla. Din tkun attivita` imtella mill-kunsill jew mill-każin. Xi kuntant toħroġ mat-tfal.

Il-konvenut lit-tfal xtralhom ukoll karozza kull wieħed u lil Christopher u lil Sharon tahom tnax-il elf Lira Maltija kull wieħed meta ġew biex

[20] Seduta tat-3 ta' Lulju 2015, miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 243;

jiżżewġu. Għenhom ukoll biex jirranġaw djarhom billi per eżempju għaddilhom id-dawl u l-ilma. Iħoss li huma dan kollu ma jafuhulux.

L-attriċi ma kinitx taqbel miegħu li l-propjetajiet ikunu fuq it-tfal u kienet tgħajru *"aboriġini żmagat"*. Matul iż-żmien bdiet titrattah dejjem agħar. Qaltlu biex ma jersaqx iktar fil-kamra tas-sodda u neħħietlu ħwejġu mill-gwardarobba u poġġiethom fl-ispare bedroom. Bdiet titraskurah dejjem iżjed u toħroġ mal-ħabiba tagħha u tmur lura tard bil-lejl anke sas-siegħa ta' fil-għodu. Meta jsaqsiha fejn kienet marret twieġbu li mhux biċċa tiegħu. Tgħidlu biex hu jmur fejn irid u hi tmur fejn trid. Riedet tkeċċih mid-dar u tgħidlu *"Itlaqli 'l barra għax hawn tiegħi u mhux tiegħek."*. Bdiet ixxarrablu s-saqqu biex ma jkunx jista' jorqod u tifagħlu spray fil-kamra meta hu jbati bl-affan. Ma tħallihx juża l-cooker u l-fridge u taħbi l-groceries taħt is-sodda biex ma jsibhomx. Meta jmur jara t-TV, tinkih billi tqalliblu l-istazzjonijiet għal xejn u tikxiflu sidirha biex tipprovokah. Jirrakkonta li darba ħarqitlu idu bil-ħadida tal-mogħdija. Fuq kollox kienet tkun hi li tibagħtu sabiex isib mara oħra u meta tarah fil-kċina tgħidlu *"Mela ma sibtx waħda min isajjarlek? Mur sib waħda, qed nibgħatek jien stess."*

Il-konvenut jallega li martu xxewwex lit-tfal u lil uliedhom kontra tiegħu biex b'hekk ilhom ma jkellmuh għal ħafna snin. Jgħid li qalet lit-tfal jibdew jiġbru l-kirjiet huma, peress li d-djar qegħdin fuqhom, biex b'hekk tieħu l-kera hi. Jallega li uliedu qed jagħtuha nofs il-kera lil ommhom.

Isostni li t-tifel iż-żgħir jgħin lil ommu toqgħod tirrekordjah, iżda jirrekodja biss lilu meta jirrispondi għall-provokazzjoni tagħha. Meta l-attriċi tgħajjar lilu ma jirrekordjahiex.

Jinnega li huwa għandu xi relazzjoni ma' mara oħra. Jgħid li huwa ġie kostrett iħallas biex jaħslulu l-ħwejjeġ u bżonnijet oħra. Jistqarr li hu ma jkollux x'jaqsam sesswalment ma' dawn in-nisa minħabba raġunijiet mediċi.[21] Huwa jieħu gost bil-kumpanija tagħhom għaliex iħossu waħdu *"meta noħroġ inħobb inkun f'kumpanija ta' mara pero biex nieħu "drink" jew niekol xi ħaġa, xejn aktar. Inħobb nisfenn ukoll għax dan huwa delizju tiegħi u fil weekends ġieli mmur nisfen. Dan*

[21] Dwar dan il-konvenut kellu jippreżenta ċertifikat mediku iżda dan m'huwiex in atti.

*għal kumpanija għaliex id-dar dejjem waħdi. Il mara u t-tfal ma jkellmunix."*

Fl-affidavit ulterjuri tiegħu[22], il-**konvenut**, jirrepeti l-istess rakkont iżda jżid xi allegazzjonijiet oħra. Fosthom huma jgħid illi martu kienet tmur tilgħab it-tombla erba' darbiet fil-ġimgħa u tmur tilgħab ukoll il-poker machine, tant hu hekk li xi kultant jibagħtulha xi voucher u bagħtulha kartolina jawgurawlha f'għeluq sninha. *"Anka tmur Paceville, tidħol ġo ħwienet, anka l-Casino tmur għax bgħatulha ittri, bgħatulha l-vouchers."* Iżid ukoll li martu kienet ittellgħu il-Qorti ta' spiss u tellagħtu xi ħmistax-il darba l-Qorti f'xi sena jew sentejn fuq xi ħamsa u għoxrin akkuża. *"Il-mara kienet tmur l-għassa u tgħidilhom li ma xtrajtilhiex il-gass, ma ħallastx id-dawl u l-ilma. Dan ma kien veru xejn."* Tgħajru li m'għadu tajjeb għal xejn u li hi qisha ħawħa ħdejh għaliex hija iżgħar minnu. Iżid ukoll *"F'dawn l-aħħar sitt xhur, il-mara sifret tliet darbiet mingħajr ma nkun naf."*

Rigward l-akkużi ta' martu li huwa qiegħed iwettaq adulterju ma' mara Filippina, huwa jinnega dan u jinsisti li l-Filippina hija carer li qiegħed iħallasha u jagħtiha €350 u issa żiedha naqra għaliex qed tirrispettah ħafna. Qiegħda taħsillu, tgħaddilu, tlestilu l-pilloli u l-mediċini, tagħtih il-messaġġi fuq għonqu u fuq saqajh fejn għandu l-artrite. Għalih qisu sab anġlu. Ħajritu jmur Catania magħha u l-ħabiba tagħha u raqdu t-tlieta ġo kamra waħda sabiex inaqqsu l-ispejjeż. Hu m'għamilx adulterju magħha għax hi m'hijiex ta' dawn l-affarijiet u għandha ħamsa u sittin sena. Fin-nota ta' sottomissjoniet tiegħu, iżid illi din hija mara miżżewġa li għadha miżżewġa u mhix mifruda.

Dwar is-safar tiegħu fl-Awstralja, huwa jgħid illi kien imur fuq xogħol u mhux vaganza bħalma jgħidu uliedu. It-tfal ilhom ħames snin ma jkellmuh u t-tlieta li huma qalulu biex ma jgħidx iktar illi huwa missierhom.

## 1.3 Prinċipji Legali: Dwar l-eċċessi, il-moħqrija u l-inġurji gravi

[22] Fol. 306

Il-Qorti fl-ewwel lok tagħmel referenza għall-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili, Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta li jistipula:

"***Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment***".

Permezz tas-sentenza fl-ismijiet Caterina Agius vs. Benedict Agius[23] ġie enunċjat illi l-liġi tqiegħed bħala motivi illi jiġġustifikaw l-azzjoni tas-separazzjoni personali, l-episodji saljenti tal-ħajja konjugali, u mhux inċidenti minuri.

Fil-każ fl-ismijiet Elisa Thompson vs. Edward Thompson[24] imbagħad ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, m'hemmx ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

L-Artikolu 40 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta isemmi l-moħqrija, illi minn ġurisprudenza kostanti tirreferi għas-sevizzi[25] bħala bażi għas-separazzjoni personali.

Fis-sentenza fl-ismijiet Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud[26]**,** deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-30 ta' Ġunju 1961, ġie enunċjat illi: *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi*

---

[23] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fit-13 ta' Ġunju 1967 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[24] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[25] Ara s-Sentenza fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef Raymond C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

[26] Vol. XLV C.ii.708

*jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala* ***sevizzi****".*

Fis-sentenza ġia ċċitata fl-ismijiet Antoinette Cauchi vs. Alexander Cauchi, l-**inġurji jew offiżi gravi** ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz".* Fis-sentenza, ġja ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud, ġie ritenut "*l-inġurji gravi ma ġewx speċifikament deżinjati mid-duttrina, imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom."*

L-**eċċessi** ġew imfissra fl-istess sentenza appena ċċitata, Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud: *"eċċessi jfissru atti mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta` kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra"*.

## 1.4 Prinċipji Legali: Dwar l-Adulterju

L-adulterju wkoll huwa motiv għas-separazzjoni fil-Liġi Maltija u fil-fatt, il-Kodiċi Ċivili jistipula: "***Kull parti miżżewġa tista' titlob il-firda minħabba l-adulterju tal-parti l-oħra***".[27] Di piu, l-ġurisprudenza kostanti tagħna tirritjeni illi "*L-adulterju hija bla dubju l-kawża l-iżjed gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali*"[28]

Il-kwistjoni kollha ddur fuq il-prova tal-istess adulterju u jekk min jallegaha, jistax fattwalment jagħti prova. F'dan l-istadju, l-Qorti tagħmel referenza għall-kawża fl-ismijiet Maria Dolores sive Doris Scicluna vs. Anthony Scicluna[29] fejn ġie dikjarat li: "*L-adulterju minn dejjem ġie meqjus bħala l-kawżali l-aktar gravi li għaliha l-liġi tawtorizza s-separazzjoni personali ...... Huwa ormai paċifiku fid-dottrina u fil-ġurisprudenza li l-adulterju jista' jkun pruvat permezz ta' indizzji u preżunzjonijiet, purche' dawn ikunu gravi, preċiżi u konkordanti, b'mod li ma jħallu ebda dubju f'min għandu jiġġudika*".

---

[27] Artikolu 38 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

[28] Hugh Greengrass vs. Lucia Greengrass, deċiża nhar it-2 ta' Ottubru 2003 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 98/2002/1RCP)

[29] Deċiża nhar is-27 ta' Novembru 2011 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, (Ċitazzjoni 1715/2001/1RCP)

### 1.5 Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għall-Każ Odjern

Mill-provi kollha miġjuba, il-Qorti tara li m'hemm l-ebda lok ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet. Fil-fehma tagħha, m'hemm l-ebda dubju illi l-konvenut ħa tassew interess fil-patrimonju ta' uliedu billi ħadem u stinka sabiex iħallihom propjeta`. M'hemm l-ebda dubju li qeda r-rwol tiegħu fil-familja ta' *breadwinner* b'impenn u sagrifiċċju u stinka sabiex materjalment uliedu ma jkunu neqsin minn xejn. Sfortunatament biex għamel dan huwa naqas li jgawdi ħin ma' uliedu u martu. Tant hu hekk li uliedu jiddiskrevuh bħala li "abbandunahom". Martu tilmenta li qatt ma marru btala hi u hu flimkien għaliex dejjem siefer waħdu u li qatt ma ħadha tiekol barra. Martu tilmenta wkoll li bil-fissazzjoni li kellu sabiex iġemma u jinvesti, hija kienet tbati biex tlaħħaq mal-ħajja bil-flus li kien jipprovdilha. M'hemmx dubju li l-konvenut iħoss li kellu jikkontrolla l-flus tal-familja ladarba kien jaqlagħhom hu. Il-flus kien jużahom bħala mezzi biex jikkontrolla lil martu u lil uliedu bħal meta waqt xi argument ma' martu kien jhedded li jnaqqsilha l-flus tal-ħajja jew saħansitra jaħraq il-karti tal-flus quddiem il-familja, għax aħjar jinħarqu milli jgawduhom huma! Dawn l-allegazzjonijiet skifużi fil-konfront tiegħu, il-konvenut ma jikkontestahomx u bl-ebda mod ma jipprova jiġġustifikahom. M'hemmx dubju li dan it-tip t'aġir huwa sevizzjuz, għaliex jekk huwa kien qiegħed jistinka biex jaqla' l-flus, martu kienet qiegħda tistinka d-dar biex tieħu ħsieb il-bżonnijiet tagħhom kollha. Fl-istess nota ta' sottomissjonijiet finali tiegħu, huwa jgħid *"Illi huwa minnu li fiż-żwieġ ta' bejn Ġemma u jiena akkwistajna u bnejna diversi propjetajiet, imma dan huwa unikament bil-ħila tiegħi billi hi qatt ma għamlet xejn."* Illi fil-fehma tal-Qorti dan id-diskors huwa riassunt tal-ħsibijiet tal-konvenut u jagħtu kredibilita sħiħa lill-verżjoni tal-attriċi. Illi l-konvenut għadu ma biddilx il-mentalita` tiegħu li dak li jiġi akkwistat fiż-żwieġ jappartjeni liż-żewġ konjuġi u għadu bl-ideja arkajka li r-raġel huwa l-kap tal-familja u jsir kif jikkmanda hu.

Il-Qorti tinnota wkoll illi l-konvenut issottometta diversi allegazzjonijiet fil-konfront ta' martu li m'huma bl-ebda mod korraborati bħalma huma l-allegazzjonijiet li martu tmur Paceville u li siefret tliet darbiet fi żmien sitt xhur.

Il-konvenut jiddeskrivi bħala ġerħa għalih li wara dawn is-snin kollha taż-żwieġ martu trid tissepara minn  miegħu u uliedu ma jridux ikellmuh. Il-Qorti tifhem din il-weġgħa u tagħder lill-konvenut li fl-ideja tiegħu ġenwinament kien qed jagħmel l-aħjar għall-familja tiegħu. Tifhem li l-aġir tiegħu kien sforz li l-idejat tal-konvenut dwar iż-żwieġ m'evolvewx maż-żminijiet u b'hekk huwa għalaq lil martu f'morsa ta' sottomissjoni u kontroll li m'humiex aċċettabbli. B'hekk l-attriċi ma felħitx iktar u bdiet tinfetaħ bil-mod il-mod u tesplora kif ser takkwista ftit kuntentizza barra miż-żwieġ billi tmur tilgħab xi tombla jew xi ħarġa mal-każin. Mhuwiex deplorabbli li tipprova tfittex ftit taż-żvog ladarba tkun qdiet id-doveri tagħha.  Jidher li l-konvenut ma felaħx jara li martu ssib ftit żvog barra mill-kontroll tiegħu u għalhekk l-aġir tiegħu mar għall-agħar billi beda jsegwiha, jheddida serjament u jgħajjarha dejjem iktar. Bla dubju, dan il-pussess fuq martu u l-umiljazzjoni li kien jikkawżalha dana rrenda l-ħajja konjugali insapportabbli.

Rigward l-allegazzjonijiet li l-konvenut wettaq adulterju, l-indizji jindikaw kjarament illi l-konvenut jinsab f'relazzjoni ma' mara Asjatika. Il-verżjoni tal-konvenut li din hija carer imħallsa ma ssib ebda sostenn fil-kartolini li tibgħatlu għaliex pazjent ta' carer ma jiġix indirizzat bħala *sweetheart* u *boyfriend* u *the one that I love*. Ġie ippruvat u mhuwiex ikkontestat, illi l-konvenut jiftiehem regolarment ma' din il-mara u jiffrekwentaw ristoranti u saħansitra marru Taormina, attivitajiet li l-konvenut m'għamel qatt ma' martu f'daqstant snin ta' żwieġ. Il-Qorti ma teskludix li jista' jkun minnu li l-konvenut ma jkollux rapporti sesswali ma' din il-mara, bħalma jgħid hu, imma dan għal raġunijiet estraneji mix-xewqat tiegħu, u cioe mhux għax ma jridx iżda għax skond hu ma jistax, għal raġunijiet mediċi. Għalhekk, fiċ-ċirkostanzi, in-nuqqas ta' sess bejniethom ma jagħmilx ir-relazzjoni tagħhom, waħda inqas adultera. Huma xorta waħda qed isibu f'xulxin is-sapport u s-sostenn reċiproku bħallikieku miżżewġin.

Il-Qorti ma tistax ma tirrimarkax illi l-inkejja tal-konvenut fil-konfront ta' martu dwar din ir-relazzjoni hija tassew deplorabbli - li apertament jifflertja man-nisa Asjatiċi fuq Skype b'mod li jinstema mid-dar matrimonjali kemm minn martu u wkoll minn uliedu, li jħalli l-kartolini u r-ritratti tiegħu ma' din il-persuna f'postijiet li jkun ċert li ser tarahom martu, huma indikazzjoni tal-livell baxx li waqa' fih il-konvenut. Il-Qorti titħasseb jekk dana fl-eta` matura tiegħu tilifx l-użu tal-ħsieb għax din l-inkejja iktar tixbaħ xi ħaġa li jagħmlu l-adoloxxenti milli n-nies maturi.

Rigward l-allegazzjoni li l-attriċi wettqet adulterju, dana ma ġiex ikkorraborat mill-ebda evidenza. Fil-fatt l-unika referenza li jagħmel għaliha l-konvenut huwa billi jgħid fl-affidavit ulterjuri tiegħu[30] *"Aktarx għandha wieħed jismu Mario".* Illi dana biss mhuwiex biżżejjed biex il-Qorti jkollha ċertezza morali l-l-attriċi naqset gravament bit-tort tal-adulterju.

Il-konvenut jallega illi l-ħajja matrimonjali għalih ma kinitx faċli għaliex l-attriċi kienet kostantament taqbad miegħu. *"It-tgħajjir li kienet tgħajjarni ma kontx nista' nissaportih"*[31]. Illi l-Qorti temmen il-verżjoni tal-konvenut li meta kienu l-Awstralja, din kienet tkun imdejqa u kienet taqbad mal-konvenut u tinfexx fih, anke in vista li huwa kien li ħadha l-Awstralja, u għalhekk forsi kienet tarah bħala s-sors tad-dwejjaq tagħha. Dan l-aġir huwa wkoll deplorabbli. Il-Qorti fliet l-affidavits ta' ulied il-partijiet, u jidher ampjament ċar li l-attriċi ma kinitx twarrab mill-argumenti bejn il-partijiet li kienu jsiru fil-preżenza tagħhom sa minn ċkunithom. Mir-recordings ippreżentati mill-istess attriċi, oltre li tisma' t-theddid tal-konvenut, il-Qorti setgħet tisma' n-*nagging* u r-ripetizzjoni u l-kantaliena tal-attriċi biex tipprovokah. Anke hija tinstema' tgħajru bi kliem mhux xieraq bejn il-miżżewġin u għalhekk l-attriċi m'hijiex mingħajr ebda ħtija fit-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet. Dak il-qrid (nagging) bla dubju kien itelliflu t-temperament lill-konvenut, iżda l-Qorti tħoss li min-naħa tiegħu kien jirreaġixxi billi jissupera l-provokazzjoni tagħha.

Għalhekk, fid-dawl ta' dan, il-Qorti tirrileva li m'hemm ebda raġuni għala m'għandhiex tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B. Qed issib li l-attriċi rrendiet ruħha ħatja ta' moħqrija fil-konfront ta' żewġha bit-tgħajjir u l-provokazzjonijiet kontinwi tagħha, u lill-konvenut li rrenda ruħu ħati ta' adulterju, sevizzi, minaċċi u nġurji gravi fil-konfront ta' martu. Illi għalhekk ir-responsabbilta` għat-tkissir taż-żwieġ taqa' kwart fuq l-attriċi u tliet kwarti fuq il-konvenut.

[30] Fol. 312
[31] Affidavit ulterjuri tal-konvenut, paragrafu 19, fol. 312

## 2. Dwar l-applikazzjoni tal-effetti tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili

Il-partijiet jitolbu illi dina l-Onorabbli Qorti tapplika fil-konfront tal-parti l-oħra l-effetti kollha jew *in parte* tal-Artikoli 48 et seq. tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

Kif diġa ntqal fl-ewwel parti ta' din is-sentenza illi trattat ir-responsabilita` tat-tkissir taż-żwieġ, iż-żwieġ bejn il-partijiet konjuġi B sfaxxa għal ħtijiet imputabbli liż-żewġ partijiet, għalkemm mhux b'responsabilita` indaqs.

It-tortijiet imputabbli lill-attriċi ta' moħqrija fil-konfront tal-konvenut, huma komminati fl-Artikolu 40 u għalhekk il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikolu 51 tal-Kodiċi Ċivili, jekk tapplikax jew le d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48. Fil-każ odjern, jirriżulta li t-tortijiet m'humiex abbastanza gravi sabiex il-Qorti tapplika fil-konfront tal-attriċi l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha tal-Artikolu 48 illi jistipula:

***48. (1) Il-parti, ir-raġel jew il-mara, illi tkun il-ħtija tal-firda għal waħda mir-raġunijiet imsemmijin fl-artikoli 38 u 41 titlef -***
***(a) il-jeddijiet imsemmijin fl-artikoli 631, 633, 825, 826 u 827[32];***
***(b) dak kollu li tkun kisbet mill-parti l-oħra b'donazzjoni bi ħsieb taż-żwieġ, jew waqt iż-żwieġ, jew taħt titolu ieħor gratuwitu;***
***(ċ) kull jedd ta' parti miż-żwieġ għan-nofs tal-akkwisti illi jkunu saru l-aktar bil-ħidma tal-parti l-oħra wara data stabbilita mill-qorti bħala d-data meta l-parti għandha tkun kunsidrata li minnha tkun ħatja tal-firda. Għall-finijiet ta' dan il-paragrafu biex jiġi determinat jekk akkwist ikunx sar l-aktar bil-ħidma ta' waħda mill-partijiet fiż-żwieġ, għandhom jitqiesu l-kontributi b'kull mod taż-żewġ partijiet skont l-artikolu 3;***
***(d) il-jedd li iġġiegħel lill-parti l-oħra, f'kull każ, li tagħtiha l-manteniment bis-saħħa tal-obbligu li jitnissel miż-żwieġ.***

Illi pero' l-Qorti hija tal-fehma li fil-maġġoranza tal-każi ta' separazzjoni personali, ikun ferm iktar għaqli u prattiku li parti titlef id-

[32] L-artikolu 631 u 633 jirrigwardaw id-drittijiet ta' suċċessjoni bejn il-konjuġi filwaqt illi l-artikoli 825, 826 u 827 ġew imħassra bl-Att XVIII tal-2004.

drittijiet tas-suċċessjoni talvolta spettanti lilha mal-mewt tal-konjuġi l-ieħor. Illi għalhekk il-Qorti, anke f'dan il-każ, hija tal-fehma li l-attriċi tilfet id-drittjiet tas-suċċessjoni tal-konvenut kif jirriżultaw mill-Artikoli 631 u 633 tal-Kodiċi Ċivili. Il-jeddijiet stipulati mill-Artikoli 48(1) (b) (ċ) u (d) jibqgħu mhux mittiefsa sa fejn jirrigwardaw lill-attriċi.

Inoltre, in segwitu għas-sejba tal-ħtija tal-adulterju kommess mill-konvenut fil-konfront ta' martu u wkoll fis-sejba ta' ħtija ta' inġurji tassew gravi (oltre l-adulterju) fil-konfront tagħha, il-Qorti ma tistax ma tapplikax fil-konfront tal-konvenut l-effetti tad-dispożizzjonijiet kollha appena ċċitati. It-tort tal-adulterju imputabbli lill-konvenut huwa komminat fl-Artikolu 41 u għalhekk il-Qorti għandha <u>l-obbligu</u> u mhux sempliċiment id-diskrezzjoni li tapplika id-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili fil-konfront tal-konvenut.

In vista tal-premess, il-Qorti qiegħda tapplika l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48, in toto, fil-konfront tal-konvenut u l-effetti tad-dispożizzjoni tal-Artikolu 48(1)(a) fil-konfront tal-attriċi.

## 3. <u>Dwar it-Terminazzjoni u d-Diviżjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti</u>

<u>Propjeta' Immobbli</u>

Il-partijiet jaqblu illi fiż-żwieġ, huwa jakkwistaw bi flushom diversi propjetajiet li huma lkoll fuq isem uliedhom:

- Penthouse f'Ħaż-Żabbar
- Garage fi Triq il-Koppla, il-Fgura
- Dar bin-numru 36, Triq Mater Boni Consigli, Paola.
- Dar bin-numru 63 u bl-isem Lydia, Triq Ġużè d'Amato, Paola.
- Dar bin-numru 22, Triq il-Karmnu, Tarxien.
- Appartament bin-numru 1, fil-blokk imsemmi Twilight, Triq id-29 ta' Mejju 1592, Tarxien.

Dana sar sabiex il-partijiet ma jitilfux il-pensjoni tal-Awstralja. Inoltre, l-konvenut jgħid li huwa xtaq li uliedu jgawdu tul ħajtu u mhux wara mewtu. Illi ladarba dawn il-propjetajiet jappartjenu lil terzi li mhumiex parti f'din il-kawża, id-diskussjoni dwarhom tieqaf hawn. Il-Qorti m'għandhiex iktar xi tgħid fuqhom għajr li dawn ma jiffurmawx parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Inoltre ma jidhirx li l-partijiet żammew xi drittijiet ta' użufrutt fuq l-istess propjetajiet għaliex ma tressqitx prova f'dan is-sens. Għaldaqstant, lanqas il-kera perċepita mill-istess propjetajiet, m'hija propjeta` tal-partijiet u parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Id-dar matrimonjali (27, "Renzo" Triq Mahatma Ghandi, Fgura) biż-żewġ garages taħtha, inxtraw fiż-żwieġ u huma reġistrati f'isem il-partijiet. Dwar din il-propjeta`, il-Qorti sejra telabora iktar 'il quddiem f'din is-sentenza.

<u>Propjeta' mobbli</u>

Dwar il-mobbli li l-partijiet akkumulaw fiż-żwieġ, dawna jikkonsistu fl-għamara li hemm fid-dar datrimonjali, kif ukoll fil-propjeta` li hija mikrija. Dwar l-għamara li hemm fil-postijiet intestati f'isem it-tfal, il-konvenut jissottometti illi din l-għamara għandha tkun ikkonsidrata li tappartjeni wkoll lil uliedhom u mhux parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Dwar l-għamara li hemm fid-dar matrimonjali din bl-ebda mod ma ġiet ivvalutata.

<u>Vetturi</u>

Il-partijiet għandhom karozza Peugeot imħallsa. Din tiġi misjuqa mill-konvenut u ilha barra ċirka ħdax-il sena. Ma nġibux iktar dettalji dwar din il-vettura bħalma hija l-marka tagħha, s-sena tal-manifattura u l-valur tagħha. Għalkemm l-attriċi tissottometti fin-nota finali tagħha illi din il-vettura tiswa €6,000 u għalhekk hija tippretendi €3,000 bħala sehemha mill-istess vettura.

Oltre din il-Peugeot, hemm ukoll tliet vetturi f'isem il-konvenut, iżda li jitgawdew minn ulied il-partijiet u għalhekk huwa ma jikkunsidrahomx bħala parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Dawn huma Subaru, Seat

Ibiza u Ford Escort. Il-konvenut isostni li minkejja li uliedu ma żammewx kelmithom dwar il-kirjiet tal-propjetajiet mgħoddija lilhom *inter vivos*, huwa ma jixtieqx li jieħu lura l-vetturi li huma intestati f'ismu, għalkemm strettament dawna jiffurmaw parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Iżda huwa ma jarax għalfejn għandu jieħu dawn il-vetturi mingħand uliedu għaliex li jixtieq mingħandhom huwa biss rispett.

Illi għalhekk il-Qorti ser tkun qiegħda tikkonsidra illi l-Peugeot biss tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti.

Kontijiet bankarji

Il-partijiet għandhom diversi kontijiet bankarji:

- Term Deposit bin-numru 40012556942 ma' Bank of Valletta p.l.c. f'isem A B b'depożitu ta' €10,000[33];
- Term Deposit bin-numru 40020364537 ma' Bank of Valletta p.l.c. f'isem C u A B b'depożitu fl-inċirka ta' €32,000[34];
- Term Deposit bin-numru 40019157360 ma' Bank of Valletta p.l.c. f'isem A B b'depożitu ta' €9,000[35];

Kull wieħed mill-partijiet kellu diversi depożiti oħra f'ammonti sostanzjali u dana kemm mal-Bank of Valletta p.l.c. kif ukoll ma' Banif Bank (Malta) p.l.c[36], iżda dawn il-kontijiet sad-data tar-riċerka ġew magħluqa u d-depożiti żbankati. Illi l-Qorti m'għandhiex provi ulterjuri biex issir taf fejn marru l-istess depożiti u x'sar minnhom.

## APPREZZAMENT TAL-QORTI

[33] Dok. BOV 1 prospett fol. 73
[34] Dok. BOV12 prospett fol. 121
[35] Dok. BOV2 prospett fol. 124
[36] Skond kif jirriżulta mix-xhieda ta' **Christina Farrugia** rappreżentanta ta' Banif Bank (Malta) p.l.c. u **Romuald Attard** rappreżentant ta' Bank of Valletta p.l.c. mogħtija fi-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dottor Anna Mallia fis-7 ta' Marzu 2014, fol. 69 et seq.

Fl-ewwel lok u bis-saħħa tal-preżenti, il-Qorti qiegħda **tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B** u tordna dan li ġej:

1. Kull parti tkun sid tal-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv; Dana jfisser illi l-attriċi tibqa' s-sid tad-depożiti ma' Bank of Valletta p.l.c. li huma f'isimha u li flimkien jammontaw għal €19,000.

2. Dwar id-depożitu fiss konġunt bejn il-partijiet ma' Bank of Valletta p.l.c. innumerat 40020364537, il-konvenut għandu jiżbanka dsatax-il elf Ewro (€19,000) sabiex ikun ħa ammont ekwivalenti għall-attriċi. Il-Qorti tordna li l-bilanċ f'dan il-kont jinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali, u l-kont jingħalaq definittivament.

3. Il-konvenut qiegħed jiġi assenjat il-vettura tal-għamla Peugeot;

4. L-attriċi qiegħda tiġi assenjata l-għamara u l-appliances kollha li preżentement jinsabu fid-dar matrimonjali;

5. Il-konvenut qiegħed jiġi assenjat l-appliances li jinsabu fil-garage fejn jorqod huwa kif ukoll l-għodda kollha li għadha fil-pussess tiegħu.

## 4. Dwar il-Beni Parafernali tal-Partijiet

Ir-rikorrenti fis-sitt talba tagħha titlob lill-Qorti sabiex tiddikjara liema huma l-flus u/jew l-oġġetti parafernali ta' kull parti u tordna li kull parti tieħu dak illi huwa parafernali tagħha. Is-sitt talba rikonvenzjonali tal-konvenut titlob li l-Qorti tikkundanna lir-rikorrenti rikonvenzjonata tikkonsenja lill-esponenti l-beni parafernali kollha tiegħu.

L-attriċi ma ressqet ebda pretensjoni ulterjuri dwar xi beni parafernali tagħha u lanqas xi provi f'dan is-sens.

Il-konvenut jallega illi huwa kellu propjeta` parafernali ġewwa Sydney l-Awstralja – post fl-indirizz 15, Terrace Street, Eincliff. Huwa m'għandux prova dokumentarja dwar dan għaliex martu ħaditlu d-dokumenti kollha.[37] Mistoqsija dwar din id-dar fil-kontro-eżami, l-attriċi xehdet li ma kinitx taf biha.[38] Il-konvenut ma jelaborax dwar x'qiegħed jippretendi ta' din id-dar u jekk ġietx mibjugħa u x'seta sar mir-rikavat tagħha. Illi b'hekk il-Qorti ma tistax tasal għal xi deċiżjoni dwar din id-dar allegatament parafernali.

## 5. Dwar id-Dritt t'Abitazzjoni fid-Dar ġja Matrimonjali tal-Partijiet

Kemm l-attriċi u wkoll il-konvenut talbu lill-Qorti sabiex tawtorizzahom jgħixu esklussivament mill-parti l-oħra fil-fond illi kien jikkostitwixxi d-dar matrimonjali ossia l-fond innumerat sebgħa u għoxrin (27), Triq Mahatma Ghandi, Fgura.

L-attriċi mill-bidu nett ta' dawn il-proċeduri, u kontestwalment mal-preżentatat tar-rikors ġuramentat, ippreżentat rikors[39] fejn talbet lill-Qorti sabiex l-intimat jiġi allontanat mid-dar matrimonjali, sabiex fil-fond tabita l-esponenti weħidha ad esklużjoni ta' żewġha. Il-Qorti, permezz tad-digriet tat-3 ta' Lulju 2013[40], ma laqgħetx din it-talba peress illi ma rriżultawx l-estremi kkontemplati mil-liġi biex l-intimat jiġi żgumbrat mid-dar matrimonjali.

L-attriċi tikkontendi li hija m'għamlet xejn li jimmeritaha titkeċċa mid-dar matrimonjali. Targumenta li hija ma tistax tgħix iktar taħt l-istess saqaf ma' raġel li kontinwament jivvessaha u jinkiha.

Il-konvenut min-naħa l-oħra jargumenta li ladarba martu u uliedu ħadu ħamest'idjar, huwa għandhu jieħu s-sitt dar u cioe dik matrimonjali. Illi dan l-argument huwa bbażat fuq premessa inveritiera għaliex huma l-ulied illi ħadu ħamest'idjar filwaqt li l-attriċi, bħalu, għandha biss nofs indiviż tad-dar matrimonjali. Jargumenta li huwa llum raġel anzjan u m'għandux fejn imur joqgħod. Illi huwa

[37] Nota ġuramentata fol. 39

[38] Seduta miżmuma quddiem l-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fis-16 t'April 2015, fol. 234.

[39] Fit-13 ta' Ġunju 2013, fol. 19

[40] Fol. 28

ħadem u stinka biex xtara u bena l-postijiet u għalhekk m'għandux ikun hu li jispiċċa mingħajr saqaf fuq rasu.

Il-Qorti wara konsiderazzjoni profonda hija tal-fehma illi ma tistax taċċetta li parti tgħix f'din id-dar ad esklużjoni tal-oħra in vista li ż-żewġ partijiet ħadmu u stinkaw għall-familja tagħhom. Illi għalhekk, il-Qorti tiddikjara illi b'effett mill-preżenti, il-fond 27, "Renzo", Triq Mahatma Ghandi, il-Fgura, m'għadux ikkunsidrat bħala d-dar konjugali tal-partijiet u qiegħda tordna illi l-fond u l-garaxxijiet ta' taħtu jinbiegħu fis-suq miftuħ. Il-Qorti qiegħda tiffissa perjodu perentorju ta' tliet xhur mill-preżenti li fih il-partijiet għandhom jieħdu l-effetti personali tagħhom kollha mid-dar u jiżgumbrawha. Il-Qorti qiegħda taħtar lill-Perit AIC Tancred Mifsud u tordnalu sabiex fi żmien l-istess tliet xhur, iżomm aċċess fuq il-fond, jagħmel valutazzjoni tal-istess fond inkluż il-garaxxijiet, fl-istat attwali tagħhom u jippreżenta l-istess valutazzjoni tiegħu fl-atti ta' dan il-proċess.

Id-dar u l-garaxxijiet għandhom immedjatament jitpoġġew għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ b'dan illi ħadd mill-partijiet ma jista' jirrifjuta li jersaq għall-konvenju u għall-kuntratt finali tal-bejgħ tal-istess propjetajiet, kemm-il darba jinstab akkwirent li jkun joffri l-prezz tagħhom kif stabbilit mill-Perit nominat mill-Qorti. Jekk fi żmien sena mill-preżenti, ma jinstabx il-bejgħ tal-propjeta` fis-suq miftuħ, kull parti tkun tista' titlob il-bejgħ tal-istess propjeta` b'subbasta.

Għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tinnomina lil Dottor Sean Critien bħala Nutar Pubbliku sabiex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Francina Abela u l-Prokuratur Legali Peter Sammut bħala kuraturi għall-eventwali kontumaċi.

## 6. Dwar il-Manteniment

L-attriċi fit-tmien talba tagħha, qiegħda titlob manteniment għaliha. Il-konvenut jagħmel talba għal manteniment għalih fit-tielet talba rikonvenzjonali tiegħu. Is-sitwazzjoni attwali hija regolata permezz tad-digriet tat-3 ta' Lulju 2013[41], fejn il-Qorti ordnat lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn Ewro (€200) kull erba' ġimgħat

[41] Fol. 25

bħala manteniment għall-attriċi; Dana ġie kkonfermat bid-digriet tas-6 t'Awwissu 2013[42]. Qabel inħareġ dan id-digriet, il-konvenut isostni li kien jgħaddi lil martu is-somma ta' seba' mija u erbgħin Ewro (€740) kull erba' ġimgħat[43]. Dejjem kienet tgħidlu illi m'humiex iservuha.

Il-konvenut jirċievi ċirka mitt Ewro fil-ġimgħa bħala pensjoni kontributorja mid-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali.[44] Huwa jirċievi wkoll ċirka tmien mitt Ewro fix-xahar pensjoni mill-Awstralja[45]. Dawn iċ-ċifri il-konvenut jaqbel magħhom u ma jikkontestahomx, għalkemm iżid li huwa jħallas it-taxxa fuq dawn l-ammonti.

Il-konvenut kellu wkoll introjtu tal-kera tal-propjetajiet illi l-partijiet għamlu fuq isem uliedhom. Dawn kienu jammontaw għal ċirka disa' mitt Ewro fix-xahar. Il-konvenut jikkontendi illi huwa kien juża dawn il-kirjiet billi jerġa' jinvesti f'isem it-tfal, oltre li jħallas il-manutenzjoni in konnessjoni mal-istess propjeta`. Kien il-konvenut li qiegħed jirċievi dawn il-kirjiet sa minn meta ġew akkwistati. Dan kien sa ċirka Awwissu 2013, meta l-Qorti tat id-digriet relattiv għall-manteniment *pendente lite*. Billi huma ma qablux maċ-ċifra mogħtija mill-Qorti, ulied il-partijiet talbu lill-inkwilini sabiex il-kera titħallas direttament lilhom u mhux iżjed lill-konvenut. *"Bdejt nieħu l-kera jiena meta l-manteniment lil mama nqata` mitejn euro fix-xahar u dan għax ħassejna li mhux fair."*[46] *"[i]l-kera bdejt neħodha minn meta nqata d-digriet tal-Qorti ta' manteniment lil ommi ta' 200 euro fix-xahar"*[47] Huma bdew iħallsu mill-istess kera, il-manutenzjoni tal-postijiet.

L-attriċi oriġinarjament kienet qiegħda tippretendi ċ-ċifra ta' elf Ewro mensilment f'manteniment. Hija ma taħdimx bi qligħ barra mid-dar u

---

[42] Fol. 57

[43] Affidavit ulterjuri tiegħu, fol. 307

[44] Dana jirriżulta mid-dokument fol. 7 fejn huwa dikjarat illi għas-sena 2012, il-konvenut irċieva €5,130.66 total ta' pensjoni. Jirriżulta wkoll mid-dokument ippreżentat minn **Saviour Theuma**, rappreżentant td-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali fol. 223 fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fit-3 ta' Diċembru 2014.

[45] Kif jirriżulta mid-dokument fol. 8 fejn irċieva pensjoni ta' €821.14 u mid-dokument fol. 224 fejn irċieva €782.42.

[46] Xhieda ta' **Sharon Mizzi** in kontro-eżami fis-seduta tal-1 ta' Diċembru 2015 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 252;

[47] Xhieda ta' **Christopher Marchett** in kontro-eżami fis-seduta tal-5 ta' Frar 2016 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 257;

ma tirċievi ebda pensjoni.[48] Uliedha xi drabi jgħinuha mill-kera illi jirċievu iżda dan mhux b'mod kostanti jew fiss. *"Meta jkollha bżonn il-flus ngħinha"*[49] *"Mill-kera nħallas l-ispejjeż u ġieli nagħti xi ħaġa lil ommi. Is-sena li għaddiet ma nafx kemm tajtha. Ġieli ntiha 50 euro pero mhux kull xahar."*[50] *"Lil mama ntiha meta jkollha bżonn għax jien għadni ngħix id-dar. Il-flus mill-kera nużahom biex lil ommi ntiha xi ħaġa mill-flus għall-ħajja għax issajjarli u taħsilli u flus lill-avukati...Ngħin lil ommi bejn ħamsin u mitt euro fix-xahar."*[51]

Il-konvenut huwa tal-fehma li huwa m'għandux jagħti nofs il-pensjoni lill-attriċi bil-premessa illi jekk jiġri dan, ħafna familji jitħajru jisseparaw. Huwa jsostni li għandu bżonn ħafna spejjeż sabiex jgħix inkluż spejjeż ta' tobba u mediċini u dan in vista li huwa anzjan. Madankollu, jirriżulta li anke l-attriċi hija, f'dan l-istadju, anzjana u bħalu teħtieġ iktar spejjeż ta' saħħa.

Iżid illi martu li għandha s-saħħa tmur għat-tombla, għandha s-saħħa wkoll biex toħroġ taħdem. Fil-fehma tal-Qorti, din il-proposta tal-konvenut illi martu ta' din l-eta` toħroġ taħdem hija għal kollox assurda, in vista tal-eta` tagħha ta' pensjonanta u in vista wkoll li dina qatt (għajr għal ftit xhur) ma ħadmet barra mid-dar, u r-rwol tagħha kien li tieħu ħsieb il-familja u d-dar.

Hija assurda wkoll it-talba tal-konvenut li jipperċepixxi manteniment mingħand martu, in vista li dejjem kien hu li kellu l-introjtu dieħel. It-talba tal-konvenut ma' tistax tintlaqa' wkoll fid-dawl tal-fatt li huwa nstab ħati t'adulterju u għalhekk iddekada mid-dritt tiegħu illi jitlob u/jew jirċievi manteniment mingħand martu (kif diġa ntqal).

In vista tal-premess, il-Qorti qiegħda tordna lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali sabiex jgħodd flimkien dak dovut lil kull wieħed mill-konjuġi B bħala pensjoni u benefiċċji oħra bħala anzjani, jaqsam it-total ugwalment bejniethomu jibgħat nofs lill-attriċi

---

[48] Ikkonfermat mix-xhieda ta' **Saviour Theuma**, rappreżentant td-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali fis-seduta miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia fis-17 ta' Frar 2015, fol. 229.

[49] Xhieda ta' **Sharon Mizzi** in kontro-eżami fis-seduta tal-1 ta' Dċembru 2015 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 252;

[50] Xhieda ta' **Christopher Marchett** in kontro-eżami fis-seduta tal-5 ta' Frar 2016 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 257;

[51] Xhieda ta' **Simon Marchett** in kontro-eżami fis-seduta tal-5 ta' April 2016 miżmuma mill-Assistent Ġudizzjarju Dr. Anna Mallia, fol. 260;

u nofs ieħor lill-konvenut. Għal dan l-iskop, il-Qorti tordna komunika ta' din is-sentenza lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali.

Inoltre l-konvenut għandu jgħaddi lil martu l-attriċi, is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) kull xahar bħala manteniment għaliha. Dan il-manteniment jiżdied ta' kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

**DEĊIDE**

Għalhekk, għal dawn il-motivi, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi:

[1] Tilqa' l-ewwel talba tar-rikorrenti u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B bi ħtijiet ta' adulterju, sevizzi, minaċċi u nġurji gravi imputabbli lill-konvenut, u ħtijiet ta' sevizzi imputabbli lill-attriċi;

[2] Tilqa' t-tieni talba attriċi u tapplika l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 48 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, in toto, fil-konfront tal-konvenut;

[3] Tilqa' t-tielet talba attriċi billi qiegħda tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet konjuġi B;

[4] Tilqa' r-raba' talba tar-rikorrenti u tordna dan li ġej:

i. Kull parti tkun sid tal-kontijiet bankarji, credit cards u faċilitajiet bankarji intestati f'isimha, kemm l-attiv u wkoll il-passiv; Dana jfisser illi l-attriċi tibqa' s-sid tad-depożiti ma' Bank of Valletta p.l.c. li huma f'isimha u li flimkien jammontaw għal €19,000.

ii. Dwar id-depożitu fiss konġunt bejn il-partijiet ma' Bank of Valletta p.l.c. innumerat 40020364537, il-konvenut għandu jiżbanka dsatax-il elf Ewro (€19,000) sabiex ikun ħa ammont ekwivalenti għall-attriċi. Il-Qorti tordna li l-bilanċ jinqasam bejn il-partijiet b'mod ugwali, u l-kont jingħalaq definittivament.

iii. Il-konvenut qiegħed jiġi assenjat il-vettura tal-għamla Peugeot;

iv. L-attriċi qiegħda tiġi assenjata l-għamara u l-appliances kollha li preżentement jinsabu fid-dar ġja matrimonjali;

v. Il-konvenut qiegħed jiġi assenjat l-appliances li jinsabu fil-garage fejn jorqod huwa kif ukoll l-għodda kollha li għadha fil-pussess tiegħu.

[5] Tiċħad il-ħames talba;

[6] Tiċħad is-sitt talba attriċi fuq nuqqas ta' provi;

[7] Tiċħad is-seba' talba u dwar id-dar ġja matrimonjali tiddikjara illi b'effett mill-preżenti, il-fond 27, "Renzo", Triq Mahatma Ghandi, il-Fgura, m'għadux ikkunsidrat bħala d-dar konjugali tal-partijiet u qiegħda tordna illi l-fond u l-garaxxijiet ta' taħtu jinbiegħu fis-suq miftuħ. Il-Qorti qiegħda tiffissa perjodu perentorju ta' tliet xhur mill-preżenti li fih il-partijiet għandhom jieħdu l-effetti personali tagħhom kollha mid-dar u jiżgumbrawha. Il-Qorti qiegħda taħtar lill-Perit AIC Tancred Mifsud u tordnalu sabiex fi żmien l-istess tliet xhur, iżomm aċċess fuq il-fond, jagħmel valutazzjoni tal-istess fond inkluż il-garaxxijiet, fl-istat attwali tagħhom u jippreżenta l-istess valutazzjoni tiegħu fl-atti ta' dan il-proċess.

Id-dar u l-garaxxijiet għandhom immedjatament jitpoġġew għall-bejgħ fuq is-suq miftuħ b'dan illi ħadd mill-partijiet ma jista' jirrifjuta li jersaq għall-konvenju u għall-kuntratt finali tal-bejgħ tal-istess propjetajiet, kemm-il darba jinstab akkwirent li jkun joffri l-prezz tagħhom kif stabbilit mill-Perit nominat mill-Qorti. Jekk fi żmien sena mill-preżenti, ma jinstabx il-bejgħ tal-propjeta` fis-suq miftuħ, kull parti tkun tista' titlob il-bejgħ tal-istess propjeta` b'subbasta.

Għal kull buon fini, il-Qorti qiegħda tinnomina lil Dottor Sean Critien bħala Nutar Pubbliku sabiex tippubblika l-att relattiv u lill-Avukat Dottor Francina Abela u l-Prokuratur Legali Peter Sammut bħala kuraturi għall-eventwali kontumaċi.

[8] Tilqa' t-tmien talba u tordna:

a. lid-Direttur Ġenerali tad-Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali sabiex jgħodd flimkien dak dovut lil kull wieħed mill-konjuġi B bħala pensjoni u benefiċċji oħra bħala anzjani, jaqsam it-total ugwalment u jibgħat nofs lill-attriċi u nofs ieħor lill-konvenut.

b. lill-konvenut jgħaddi lil martu l-attriċi, is-somma ta' tliet mitt Ewro (€300) kull xahar bħala manteniment għaliha. Dan il-manteniment jiżdied ta' kull sena skont l-indiċi tal-għoli tal-ħajja.

[9] Tilqa' l-ewwel talba tal-konvenut rikonvenzjonant u tiddikjara s-separazzjoni personali bejn il-partijiet konjuġi B bi ħtijiet ta' adulterju, sevizzi, minaċċi u nġurji gravi imputabbli lill-konvenut, u ħtijiet ta' sevizzi imputabbli lill-attriċi;

[10] Tilqa' t-tieni talba tal-konvenut rikonvenzjonant;

[11] Tiċħad it-tielet talba tal-konvenut rikonvenzjonant;

[12] Tilqa' r-raba' talba tal-konvenut rikonvenzjonant limitatament billi tapplika fil-konfront tal-attriċi id-dsipożizzjonijiet tal-Artikolu 48(1)(a) tal-Kodiċi Ċivili;

[13] Tilqa' l-ħames talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dwar il-komunjoni tal-akkwisti tordna li jsir kif diġa intqal;

[14] Tiċħad is-sitt talba tal-konvenut rikonvenzjonant fuq nuqqas ta' provi;

[15] Tiċħad is-seba' talba tal-konvenut rikonvenzjonant u dwar id-dar ġja matrimonjali tordna li jsir kif diġa intqal;

[16] Tilqa' t-tmien talba tal-konvenut rikonvenzjonant u tawtorizzah jirreġistra din is-sentenza fir-Reġistru Pubbliku;

Bl-ispejjeż tal-preżenti, inkluż l-ispejjeż tal-Perit Arkitett Tancred Mifsud nominat iktar 'il fuq f'din is-sentenza, jiġu sapportati in kwantu għal kwart mill-attriċi u tliet kwarti mill-konvenut.

L-ispejjeż u d-drittijiet Notarili relatati mat-trasferiment tal-propjeta' komuni bejn il-partijiet, ikunu sapportati miż-żewġ partijiet f'ishma ugwali.

L-ispejjeż tal-Avukat Dottor Francina Abela u l-Prokuratur Legali Peter Sammut nominati iktar 'il fuq f'din is-sentenza għall-eventwali kontumaċi, jitħallsu skont il-liġi.

Komunika:
Direttur Ġenerali tas-Sigurta` Soċjali – Dipartiment tas-Sigurta` Soċjali, Triq l-Ordinanza, il-Belt Valletta.